KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 14/8/194/20

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 14

*L-Erbgħa 29 ta' Lulju 2020*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju 2020. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

Kunsill Lokali Paola

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsillier Bartolo talab biex ikun skużat minħabba xogħol. Il-membri qablu li jkunu skużat.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr 13. ġew approvati *nem com.*

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Petizzjoni mingħand ir-residenti ta' Supermarket fi Triq Ħal Luqa b'rabta ma' nuqqasijiet tal-vetturi tal-merkanzija. Il-membri iddiskutew din il-petizzjoni u qablu li għanda issir laqgħa mas-sid tas-Supermarket filwaqt li ssir talba uffiċjali lill-LESA u lill-Pulizija sabiex tiżdied is-sorveljanza fl-akwata.

*Il-Kunsilliera Arqueros daħlet issa.*

3.2. Lista ta' permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar b'rabta ma' numri ta' applikazzjonijiet ta' żvilupp fosthom fi Triq tal-Borġ. Il-membri iddiskutew l-applikazzjoni u qablu li l-Kunsill għandu jitkellem mal-Perit sabiex issir oġġezzjoni formali.

*Il-Kunsillier Axisa daħal issa.*

4. **<u>Bord ta' evalwazzjoni għall-offerti</u>**

4.1. Il-Membri approvaw il-bord tal-evalwazzjoni għall-offerti tal-ġbir ta' skart u tal-knis kif anness.

5. **<u>Skema LC Care 2020-2021</u>**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi b'rabta mal-iskema preżenti tal-proġett LC CARE sa issa kienu ħarġu 34 voucher għan-neutering u hemm issa lista uffiċjali ta' 27 feeder li ingħataw ukoll ikel għalihom.

5.2. Il-Kunsilliera Yvonne Arqueros infurmat lill-membri illi fid-dawl tal-urġenza tal-każ kienet laħqet iddaħħlet applikazzjoni għall-iskema il-ġdida fejn intalbu fondi sabiex jinxtara ikel għall-qtates stray kif ukoll għall-mediċini u għall-kura tal-istess qtates.

## 6. Żviluppi fis-sistemi bankarji

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-bank tal-Kunsill kien qed jintroduċi tariffi ġodda għall-pagamenti minn ċekkijiet u kienet ukoll sargħet laqgħa dwar is-suġġett fejn fost l-oħrajn il-Kunsilli qed ikunu imħeġġa sabiex jiżviluppaw il-metodi bankarji tagħhom u jagħmlu aktar użu ta' pagamenti online. Għaldaqstant il-membri qablu li l-Kunsill ikollu l-possibilità li jagħmel pagamenti online anke bis-sistema tal-*batch payments*. Is-Segretarju ċċara li dawn it-tranżazzjonijiet ser jibqgħu isiru skond il-proċeduri stabbiliti skond il-leġislazzjoni preżenti.

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku qal li m'huwiex sodisfatt mill-livell tal-ħidma tal-kuntratturi tal-ġbir tal-iskart hekk kif ilmenti ta' fdalijiet fit-toroq wara isir tagħsir tal-iskart kif ukoll ta' bosta nuqqasijiet fil-ġbir tal-boroż. Huwa żied illi kien sar titjib minn meta inbidel ix-xufier dan l-aħħar, però għadhom qed jidħlu bosta ilmenti bħat-tagħsir tal-iskart organiku fit-trakk. Il-membri iddiskutew dan is-servizz fid-dettall u qablu li għandom jitwaqqfu l-pagamenti tal-ġbir ta' skart sakemm jieqaf it-tagħsir fit-toroq kif ukoll li jitjieb is-servizz. Is-Sindku rrimarka wkoll dwar nuqqasijiet tal-kuntrattur tal-ġonna hekk kif it-tisqija mhux qed issir kif suppost, pjanti qed imutu u nuqqasijiet oħra fis-servizz fejn fost l-oħrajn pjanti li kellhom jinbidlu ma sarux.

*Il-Viċi Sindku Lynch telaq mil-laqgħa.*

7.2. Is-Sindku informa lill-membri illi ġie avviċinat mir-residenti ta' Triq San Ġorġ minħabba l-fatt illi kienu qed jiffaċċjaw problemi hekk kif ambulanzi u vetturi importanti oħra ma setgħux jgħaddu fit-triq minħabba l-parkeġġ li hemm fuq iż-żewġ naħat li qed inaqqas il-wiesgħa tat-triq. Qed issir ukoll ħsara fil-karozzi. Il-membri iddiskutew dan u qablu li għandom jitolbu l-parir tal-Awtorità tat-Trasport u jekk din tgħid li għandu jitneħħa l-parkeġġ, dan jitneħħa filwaqt li jkunu wkoll avżati ir-residenti tat-triq.

7.3. Is-Sindku informa lill-membri wkoll dwar ilmenti li kienu qed jaslulu dwar il-parkeġġ ta' trailers fi Triq il-Baċir. Il-membri qablu li jitolbu sabiex isir infurzar fl-akwata li jikkontrolla l-parkeġġ.

7.4. Is-Sindku qal li wieħed jista' jinnota li kien qed jiżdied kemm l-iskart fil-madwar kif ukoll atti vandali. Dwar dan huwa qal li talab lill-Spettur tal-Pulizija sabiex jiżdied l-infurzar.

7.5. Is-Sindku xtaq jiċċara li b'referenza tal-attività tal-*Car Show* li ttelat fl-aħħar ġimgħat talab li attivitajiet simili dejjem għandom jittellgħu kunsill u jiġu diskussi kunsill qabel nipproċedu.

## 8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.1. Il-Kunsillier Arqueros semmiet illi fil-laqgħa li attenda għaliha flimkien mas-Sindku dwar l-iskema LC Care ġie diskuss is-suġġett tal-kontroll tal-ħamiem. Il-Kunsilliera Arqueros talbet li naraw hux possibbli li jinstab xi ikel li jnaqqas il-fertilita tal-ħamiem filwaqt li jitnaddfu wkoll il-bankini li ttebaw bil-ħmieġ tal-ħamiem. Il-membri qablu.

8.2. Il-Kunsillier Axisa staqsa dwar il-proġett li kellu isir fil-pompa ta' Triq il-Belt Valletta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li dan għandu jibda fil-ġranet li ġejjin.

8.3. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar id-dawl taż-żebra Cross tal-pjazza għax għadu mitfi. Is-Sindku informa illi dawn in-nuqqasijiet kienu tressqu lill-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta li qed tiġri wara l-kuntrattur sabiex isiru xogħolijiet ħżiena u nieqsa li saru.

8.4. Il-Kunsillier Arqueros talbet lista tal-permessi tal-imwejjed u siġġijiet fil-pjazza. Is-Sindku qal li lista simili ma tkunx għand il-Kunsill fid-dawl li din toħroġ mill-Awtoritajiet tal-Gvern. Is-Sindku fakkar illi l-Kunsill kien beda wkoll proċess sabiex isir *master-plan* mal-perit preċedenti però dan ix-xogħol issa irid jitkompla mill-Perit preżenti. Is-Sindku qal li ser ikun però qed jitlob xorta waħda din il-lista tal-permessi lill-entitajiet konċernati.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 14 għas-somma ta' €40,615.75. Mill-lista tal-pagamenti kienu qed jitħassru l-pagamenti tal-kuntrattur tal-ġbir ta' skart kif diskuss aktar qabel.

**10. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 26 ta' Awissu 2020.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 26 ta' Awissu 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |